# L-għeruq tagħna

## Fiex nemmnu u kif inwettqu dak li nemmnu

Dokument ta' ħsieb u azzjoni politika
approvat mill-Eżekuttiv tal-Partit Nazzjonalista
u ppreżentat lill-Kunsill Ġenerali

Novembru 2011

© Partit Nazzjonalista 2011

Partit Nazzjonalista
Triq Herbert Ganado
Tal-Pietà PTA 1450, Malta

www.pn.org.mt

Pubblikat f'Novembru 2011
Produzzjoni: Uffiċċju Informazzjoni Partit Nazzjonalista

Stampat fuq karta riċiklata

# Daħla

*Meta tiġi biex tivvota tkun qed tafda partit bil-futur tiegħek. Għalhekk huwa xieraq li int tkun taf fiex jemmen dan il-partit meta xi kandidat tiegħu jersaq quddiemek, x'jirrappreżenta u xi pjanijiet għandu għalik, għall-familja tiegħek u għal pajjiżek*

Mal-Partit Nazzjonalista taf fejn qiegħed. Taf x'inhuma l-għeruq tagħna. Taf fejn twasslek il-politika tagħna.

Il-PN huwa partit bi storja twila li matulha kiseb bidliet straordinarji għal pajjiżna. Dawn kienu bidliet li fasslu d-destin ta' kull wieħed u waħda minna u tal-familji tagħna. Irnexxielu jagħmel dan għaliex dejjem għaraf is-sinjali taż-żminijiet u dejjem kien fuq in-naħa t-tajba tal-istorja.

Il-qofol ta' ħidmietu kienu l-Indipendenza u l-ħarsien tal-libertà, id-demokrazija u d-drittijiet fundamentali. Imbagħad, fil-bidu ta' dan is-seklu, il-PN kiteb paġna storika oħra u ssiġilla d-destin tal-pajjiż bid-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Din ġabet u qed iġġib magħha tibdil kbir kemm mil-lat ekonomiku kif ukoll mil-lat soċjali u politiku. U t-trasformazzjoni għadha għaddejja.

L-ambizzjoni tal-PN għalik u għal pajjiżna ma tiqafx hawn. Irid jagħmel aktar u jasal għal kisbiet akbar għaliex jemmen fik u jemmen f'pajjiżna.

Dan mhux żmien faċli. Altru. Huwa żmien ta' sfidi kbar ekonomiċi u soċjali. Li jaffettwaw lid-dinja bħalma jeffettwaw lilna magħha.

Il-PN jagħraf din ir-realtà u impenjat li jibqa' jistinka biex jakkwista l-fiduċja tiegħek jew jekk diġà kellu l-fiduċja tiegħek iżommha jew jerġa' jakkwistaha. Il-PN jagħraf li jrid jaħdem għall-fiduċja tiegħek kuljum.

L-ewwel pass biex nirbħu l-fiduċja tiegħek huwa li int tkun taf b'mod ċar, aħna fiex nemmnu u xi nsarrfu. Mhux bil-kliem biss iżda anki bil-fatti. Jekk partit ma jispjegax sew x'inhuma l-għeruq tiegħu u xi jsarraf allura ma jistax jispira fiduċja, sakemm ma tkunx fiduċja għamja. Il-PN ma jridx fiduċja għamja. Aħna rridu li tiġġudikana mhux biss fuq dak li ngħidu iżda wkoll fuq dak li nagħmlu.

Huwa għalhekk li dan il-dokument jiġbor fih stampa fil-qosor ta' dak li l-PN jemmen fih u ta' kif aħna nwettqu dak li nemmnu fih. Dan id-dokument huwa l-karta tal-identità tagħna li biha inti tista' tagħraf lill-Partit Nazzjonalista.

Jekk inti tidentifika ruħek ma' dawn l-ideat, allura nistednuk tgħinna biex, flimkien, inkomplu nbiddlu l-pajjiż għall-aħjar.

**Lawrence Gonzi**
Kap tal-Partit Nazzjonalista
Novembru 2011

# L-għeruq tagħna

Mingħajr għeruq jew b'għeruq dgħajfa, l-ebda xitla ma tikber, tissaħħaħ u tagħti l-frott u l-istess jgħodd għal partit politiku.

Il-frott huwa l-aħjar indikazzjoni tal-għeruq. Meta tħares lejn il-bidla straordinarja li wettqu Gvernijiet Nazzjonalisti, wieħed wara l-ieħor, tagħraf x'inhuma l-għeruq tagħna u fiex nemmnu.

Nagħrfu wkoll li l-politika mhix kollox. Minbarra l-politika, il-bniedem għandu bżonn ta' realtajiet oħra biex jilħaq il-milja tiegħu, fosthom ir-relazzjonijiet ma' persuni oħra, it-twemmin personali u l-esperjenza kulturali.

L-għeruq tal-PN jistgħu jiġu spjegati f'din is-sintesi – **10 kunċetti** li huma identifikati mal-PN għax huma l-**marki tas-swaba' tagħna**. Tista' torbot lill-PN ma' kull wieħed minnhom.

## 1. L-ispirazzjoni tagħna

Il-valuri li aħna nħaddnu huma ispirati minn valuri Nsara u kburin b'dan. Għalhekk aħna parti mill-familja Ewropea tal-partiti Demokratiċi Kristjani li huma membri tal-Partit Popolari Ewropew. Iżda m'aħniex partit konfessjonali jew tal-Knisja u nagħrfu sew li l-Istat u l-Knisja huma separati u wieħed ma jistax jiddetta lill-ieħor. Il-valuri tagħna huma parti mill-għeruq tagħna. Huma l-valuri li ispirawna fl-inizjattivi kollha li ħadna tul il-mixja politika tagħna biex pajjiżna laħaq il-milja tiegħu bħala pajjiż sovran, indipendenti u Ewropew. Dawn il-valuri jibqgħu jispiraw il-politika li nħaddnu u li nħaddmu.

## 2. Il-bniedem u l-familja

**Il-bniedem** huwa ċ-ċentru tal-ħidma tagħna**.** B'dan infissru li aħna nħarsu l-libertà tal-bniedem li jgħix ħajtu, li naraw li jiżviluppa t-talenti kollha tiegħu u li f'każ ta' ħtieġa, ngħinuh iqum fuq saqajh. Huwa għalhekk li aħna nagħmlu enfasi daqstant kbira fuq l-edukazzjoni, fuq is-sens ta' intrapriża u fuq il-ġustizzja soċjali. Anki fil-kamp ekonomiku nemmnu li l-ekonomija trid isservi lill-bniedem u mhux bil-maqlub. Iżda fl-istess ħin aħna nqisu li l-bniedem għandu wkoll obbligi lejn is-soċjetà tiegħu u ma jistax iġib ruħu daqs li kieku jeżisti hu biss. Għax nagħrfu l-bniedem bħala ċ-ċentru tal-politika, aħna nemmnu li kull persuna hi sħiħa u ugwali daqs ħaddieħor.

**Il-familja** hija l-qalba tas-soċjetà. L-għożża u l-wens li trawwem fina ma jista' jagħtihom ħadd aħjar. Huwa għalhekk li aħna nsaħħu l-familja u ma rridux lill-Istat jagħmel dak li tista' tagħmel il-familja. L-Istat m'għandux jindaħal fil-familja iżda naqblu li l-Istat għandu jgħin lill-familji li għandhom ċerti diffikultajiet, kemm dawk ta' natura matrimonjali jew fit-trobbija tat-tfal jew anki sfidi soċjali jew ta' natura finanzjarja jew ekonomika. Fil-politika tagħna nagħtu vantaġġ lill-familja għaliex nafu li jekk ikollna familja b'saħħitha jkollna wkoll soċjetà b'saħħitha.

## 3. Il-libertà

Meta titlef il-libertà titlef kollox. Il-PN akkwista l-libertà u jassigura li inti tgħix f'soċjetà demokratika, pluralista, tolleranti u li tirrispetta l-liġi u d-drittijiet fundamentali. Il-liġi ma nobduhiex biss meta jaqbel lilna, iżda dejjem. Għalina l-libertà tfisser ukoll il-libertà li timraħ fl-aspirazzjonijiet tiegħek u li tipparteċipa f'suq ħieles, kemm bħala ħaddiem kif ukoll bħala imprenditur. Iżda, fl-ebda każ ma naċċettaw li l-libertà ssir libertinaġġ għax l-abbuż tal-libertà jnawwar l-għaqda soċjali u jdgħajjef is-sisien tal-pajjiż innifsu.

## 4. Ir-responsabbiltà

Id-deċiżjonijiet li jieħu l-PN huma meħuda b'sens ta' responsabbiltà u dan ifisser li aħna lesti nieħdu d-deċiżjonijiet anke jekk ikunu iebsa, anke jekk ma jkunux se jagħmluna popolari, anke jekk jistgħu jtellfuna l-voti. Bejn dak li jagħmilna popolari u s-sewwa, nagħżlu li nagħmlu s-sewwa. Aħna ma noqogħdux gallarija. Aħna niddeċiedu. U għax għandna sens ta' responsabbiltà, nieħdu d-deċiżjonijiet fl-aħjar interess tal-ġid komuni tal-pajjiż. Dan nagħmluh b'mod partikolari fil-qasam ekonomiku, fejn inwettqu politika li tpoġġi l-finanzi pubbliċi fis-sod u fejn insaħħu l-kompetittività permezz ta' miżuri, bħat-tnaqqis jew it-tneħħija tas-sussidji fejn ma hemmx bżonnhom. Fl-istess ħin, aħna nesiġu li kulħadd jerfa' wkoll ir-responsabbiltà tiegħu. Ħadd m'għandu jippretendi għajnuna jekk mhux lest jerfa' l-parti tiegħu, kulħadd skont kemm jiflaħ.

## 5. Is-Solidarjetà

Nagħrfu li fis-soċjetà aħna lkoll responsabbli għal xulxin. Meta persuna tiffaċċja ċerti diffikultajiet tiġi bżonn l-għajnuna. Jekk humiex problemi marbuta ma' xogħol, ma' diskriminazzjoni, ma' emarġinazzjoni, ma' faqar jew ma' saħħa, aħna nemmnu li l-Istat għandu jkollu ruħ soċjali u allura għandu jkun hemm biex jgħinek meta tiġi bżonn. Aħna nemmnu f'solidarjetà wkoll bejn ġenerazzjonijiet differenti, b'mod partikolari dawk li se jiġu warajna iżda anke dawk li għadhom magħna, jiġifieri l-anzjani. Anke fl-ekonomija, nemmnu f'ekonomija soċjali tas-suq u mhux ekonomija fejn min jiflaħ iħawwel. Bl-istess mod aħna nuru solidarjetà ma' nies minn pajjiżi oħra, kemm jekk ikunu qed ifittxu kenn fl-Ewropa, kemm jekk għandhom bżonn għajnuna għal żvilupp jew biex jiġi evitat kollass ekonomiku f'pajjiżhom. U għax nemmnu fis-solidarjetà, bl-istess mod, aħna nippretendu li meta niġu bżonn aħna, għandna wkoll insibu s-solidarjetà ta' ħaddieħor.

## 6. Is-sussidjarjetà

Aħna ma rridux li l-Istat jiddeffes f'kollox jew jiddeċiedi kollox hu, kif kien isir qabel. Anzi. Id-deċiżjonijiet għandhom jittieħdu fl-aktar livelli viċin in-nies u bil-parteċipazzjoni tan-nies. Għalhekk waqqafna l-Kunsilli Lokali u saħħaħna l-identità distinta tal-lokalitajiet differenti u b'mod partikolari ta' Għawdex li hija gżira reġjun. Nemmnu wkoll fil-volontarjat u fil-parteċipazzjoni attiva tas-soċjetà ċivili. Dak li jista' jsir mis-soċjetà ċivili m'għandux isir mill-Istat. Anzi, jekk xejn, l-Istat għandu jsostni lis-soċjetà ċivili fil-volontarjat tagħha. Dan jagħmel sens finanzjarju iżda jseddaq ukoll is-sens ċiviku u s-solidarjetà.

## 7. Id-Djalogu

Id-djalogu huwa minsuġ fit-tessut tal-PN għaliex aħna minn dejjem segwejna politika inklussiva li tagħti ċ-ċans li kulħadd jesprimi l-ideat tiegħu, li jistaqsi u jistenna tweġiba, li jżomm lill-awtorità responsabbli, li jipparteċipa fil-ħajja pubblika u li jiġi kkonsultat. Id-djalogu soċjali llum huwa r-raġuni ewlenija għaliex f'pajjiżna tirrenja l-paċi soċjali u industrijali. Bit-tisħiħ tad-demokrazija li ksibna għal pajjiżna tul dawn l-aħħar għoxrin sena fejn is-sehem tan-nies fil-politika huwa iktar dirett - partikolarment bil-pluraliżmu fix-xandir, bl-introduzzjoni tal-Kunsilli Lokali u bir-rivoluzzjoni diġitali li nisslet is-*social networks* u fin-*new media* - il-proċess ta' djalogu sar iktar kompless, iktar mifrux u iktar personalizzat. Għax nemmnu fid-djalogu aħna nemmnu li l-Gvern m'għandux is-soluzzjoni għal kollox iżda għandu jirrifletti l-aspirazzjonijiet leġittimi tal-poplu li jirrappreżenta. Il-PN jagħraf li l-proċess ta' djalogu għandu jibqa' wieħed mill-elementi ewlenin ta' politika miftuħa għall-bniedem.

## 8. Il-fiduċja

Politiku jista' joħlom kemm irid. Iżda jekk ma jkollux fiduċja f'dak li jemmen u fil-poplu li jmexxi allura ma jasalx. Il-PN iddistingwa ruħu għaliex dejjem kellu fiduċja fin-nies u mhux qatgħalhom qalbhom; dejjem ħares b'ottimiżmu u mhux b'pessimiżmu; dejjem ħareġ b'viżjoni ċara u mhux viżjoni mċajpra; dejjem offra soluzzjonijiet u mhux problemi; dejjem dawwar l-isfidi f'opportunitajiet. Fi żmien meta l-fiduċja tan-nies qiegħda dejjem aktar titnawwar, il-PN se jibqa' jaħdem biex jirbaħ il-fiduċja tiegħek. Se jibqa' jiżra' l-fiduċja għax jaf li se jaħsad il-frott tagħha

## 9. Id-direzzjoni

Jekk partit m'għandux viżjoni u direzzjoni ċara ma jwasslek imkien. Il-PN minn dejjem kellu direzzjoni ċara għalik u għall-pajjiż. Magħna mhux biss taf fejn qiegħed iżda taf ukoll fejn sejjer. L-Indipendenza u s-sħubija fl-Unjoni Ewropea huma l-akbar żewġ provi tad-direzzjoni ċara li dejjem wera l-PN. Iżda lil hinn minn dawn iż-żewġ avvenimenti storiċi, fit-twettiq tal-politika tiegħu l-PN dejjem juri li għandu sens ta' direzzjoni u mhux qasba tixxejjer mar-riħ jew pinnur li jdur skont min fejn ikun qed jonfoħ ir-riħ. Huwa anki għalhekk li mal-PN int taf fejn qiegħed u tgħix fis-serenità għax taf li l-Gvern mhux se jqum b'xi sorpriża kerha kuljum. Bil-maqlub, il-Gvern ikun prevedibbli u allura tista' tistrieħ fuqu. Huwa s-sens ta' direzzjoni li, fl-aħħar mill-aħħar, jagħti serħan il-moħħ liċ-ċittadin għall-ħajja tiegħu u tal-għeżież tiegħu u lill-investitur fil-mument tal-għażla tiegħu fejn jinvesti.

## 10. L-Identità

Il-PN huwa kburi b'pajjiżna għax jemmen f'pajjiżna. Huwa għalhekk li l-ewwel ħadem biex jagħti identità nazzjonali permezz tal-Indipendenza li welldet in-nazzjon Malti u wara, ħadem biex isaħħaħ l-identità tal-poplu Malti billi wasslu għal sħubija fid-dar naturali tiegħu, l-Ewropa. Għax aħna kburin bl-identità tagħna, aħna nfittxu li nsaħħuha permezz tat-tisħiħ tal-ilsien Malti, l-għarfien tal-istorja, il-ħarsien tal-wirt storiku u ambjentali, il-tisħiħ tal-kultura u l-arti u l-parteċipazzjoni attiva ta' pajjiżna fil-fora internazzjonali.

# Xi jsarrfu l-għeruq tagħna

Wara li rajna x'inhuma l-għeruq tal-PN, f'din it-tieni parti se naraw kif il-PN iwettaq dak li jemmen fih. Se naraw x'politika juża biex jittrasmetti l-valuri li jemmen fihom. Issa meta tħares lejn il-politika mħaddna u mwettqa mill-PN, mill-ewwel tifhem li wara kull deċiżjoni hemm spjegazzjoni u hemm ħsieb ċar li juri dak li nemmnu fih: għall-għeruq tagħna. Huwa għalhekk ukoll li l-politika tal-PN hija politika koerenti għax dejjem tista' tgħaqqadha mal-għeruq tal-partit.

Dawn huma **10 oqsma** ewlenin li fihom nuru xi jsarrfu l-għeruq tagħna fit-twettiq tal-politika tagħna, kemm dik li diġà twettqet u dak li naspiraw li nwettqu jekk inti ġġedded il-fiduċja tiegħek fina.

# 1. L-Istat Malti u l-amministrazzjoni pubblika

Aħna rridu stat modern li kapaċi jagħti soluzzjonijiet għall-isfidi tal-pajjiż u kapaċi jtejjeb il-kwalità tal-ħajja tal-poplu Malti u Għawdxi. Fid-dinja tal-lum is-sovranità tal-Istat titkejjel l-aħjar mhux skont kemm l-Istat għandu qawwa jiddeċiedi iżda skont kemm l-Istat huwa kapaċi jtejjeb il-livell tal-għajxien tal-poplu tiegħu. Biex dan isir, l-Istat irid ikollu istituzzjonijiet li jiffunzjonaw tajjeb, b'mod effiċjenti u bi trasparenza sħiħa.

**Il-Kostituzzjoni** trid tiġi aġġornata għaż-żminijiet tal-lum. B'mod partikolari għandna nsaħħu r-rwol tal-Parlament speċjalment fil-konfront tal-Gvern. B'hekk il-Parlament isir aktar awtonomu u aktar kapaċi jżomm il-Gvern taħt skrutinju serju kif mistenni f'demokrazija b'saħħitha. Dan jinkludi t-tisħiħ tal-poteri baġitarji tal-Parlament kif ukoll tal-organi li jikkontrollaw lill-Gvern u l-amministrazzjoni pubblika, inkluż fuq l-infiq pubbliku, bħall-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi, l-Awditur Ġenerali, l-*Ombudsman* u l-Kummissjoni Kontra l-Korruzzjoni. Għandhom jiġu aġġornati wkoll kunċetti kostituzzjonali bħan-newtralità u r-rwol ta' awtoritajiet imwaqqfa mill-Kostituzzjoni, inkluża l-Awtorità tax-Xandir.

**Tmexxija ġusta, effiċjenti u trasparenti**
L-amministrazzjoni pubblika f'Malta diġà ġiet modernizzata tant li tlaħħaq sew mal-obbligi li ġġib magħha sħubija fl-Unjoni Ewropea fuq it-tħejjija, l-implimentazzjoni u l-infurzar tal-liġijiet tagħna, inklużi dawk Ewropej. Iżda baqa' x'jitjieb. It-tmexxija tal-amministrazzjoni pubblika, li wara kollox titħallas mit-taxxi, trid timmira għall-eċċellenza u effiċjenza fis-servizz li toffri lill-pubbliku u mhux isservi ta' ostaklu burokratiku. Trid tissaħħaħ aktar fl-infurzar u trid tiġġieled kuljum kemm il-korruzzjoni kif ukoll l-idea li jista' jkun hemm korruzzjoni. L-amministrazzjoni pubblika trid tkun miftuħa għal kull min hu kompetenti, skont il-meritokrazija.

Il-partiti politiċi għandhom rwol importanti fit-tisħih tad-demokrazija. Dan għandu jsir ukoll b'sistema trasparenti ta' finanzjament tal-partiti.

It-tmexxija tajba teħtieġ ukoll politiċi kompetenti, iddedikati li jagħtu servizz pubbliku u li ma jaqgħux għat-tentazzjoni tal-ħala, tan-nepotiżmu jew tal-korruzzjoni. Għandhom jiġu inkoraġġiti l-aktar nies kompetenti biex jipparteċipaw fil-ħajja pubblika.

## 2. Politika soċjali biex ħadd ma jibqa' lura

Għax il-**persuna u l-familja** huma fiċ-ċentru tal-politika tagħna, il-PN iħaddem politika li ssaħħaħ il-persuna u l-familja u tgħinhom jilħqu l-milja tagħhom.

**Ir-rivoluzzjoni diġitali** tagħtina opportunità unika biex negħlbu ċerti żvantaġġi li konna rassenjati għalihom bħaċ-ċokon tagħna, l-iżolament ġeografiku tagħna u d-densità tal-popolazzjoni tagħna li lkoll joħolqu sfida ta' spazju. Iżda issa, dan l-ispazju jista' u għandu jiġi razzjonalizzat aħjar b'mod li jgħin lill-persuna tisfrutta bl-aħjar mod il-potenzjal tagħha, kemm fl-ispazju urban u rurali f'Malta, kemm fl-ispazju Ewropew kif ukoll fl-ispazju globali li l-internet jgħaqqadna miegħu.

**Ir-ruħ soċjali** tagħna titlob li nkunu lesti noffru għajnuna lil dawk il-persuni u dawk il-familji li jinsabu f'diffikultà. B'hekk, il-politika tagħna tiżgura li l-persuna tibqa' ssib l-appoġġ tal-Istat, kull meta jkollha bżonn, mill-mument tal-konċepiment sa tmiem il-ħajja.

Filwaqt li **ż-żwieġ** jibqa' l-fus ta' familja f'saħħitha, aħna nagħrfu li mhux kull żwieġ jaħdem għal dejjem. Wara d-dħul tad-divorzju f'pajjiżna aħna impenjati li nkomplu nsaħħu l-familji permezz ta' miżuri li jippromwovu l-familja u jagħmluha aktar faċli li l-familja tibqa' magħquda. Irridu ngħinu wkoll lill-familji li ma jistgħux ikollhom tfal, kif ukoll il-familji b'ġenitur wieħed. L-interessi u l-protezzjoni tat-tfal tibqa' l-konsiderazzjoni ewlenija fid-deċiżjonijiet li nieħdu.

Nifhmu wkoll li **r-relazzjoni personali** bejn persuni differenti hi xi ħaġa prezzjuża għal dawk li jgħixu din l-esperjenza u nifhmu wkoll li għalihom dik ir-relazzjoni hi n-nukleu familjari tagħhom anke jekk ma jkunux miżżewġin. L-Istat ma jistax jagħlaq għajnejh għal dan u għalhekk għandu jilleġiżla kull fejn hemm bżonn biex jistabbilixxi d-drittijiet u d-dmirijiet f'dawn ir-relazzjonijiet ta' koabitazzjoni kemm eterosesswali kif ukoll omosesswali.

**L-ugwaljanza** bejn is-sessi toħroġ mid-dinjità tal-bniedem li hija fil-qalba tat-twemmin tagħna. Illum, din m'għadhiex *slogan* iżda saret realtà. Iżda għad baqa' xi jsir. Il-PN jivvalorizza r-rwol tal-mara fis-soċjetà u lest jieħu passi ġodda, inkluż b'miżuri pożittivi, biex tintlaħaq ugwaljanza akbar bejn in-nisa u l-irġiel, kemm fil-ħajja pubblika kif ukoll fl-ekonomija.

Fil-qasam tax-**xogħol**, il-PN wettaq suċċessi kbar għax ħoloq klima li tkattar ix-xogħol u ħoloq opportunitajiet biex kull min irid, ikollu aċċess għal impjieg ġdid jew għal xogħol aħjar. B'hekk il-ħaddiem jista' jilħaq il-milja tiegħu b'dinjità. Baqa' xi jsir biex jiġu eliminati l-iżvantaġġi ta' ċerti gruppi, bħal persuni b'diżabbiltà jew persuni li jkunu ġew emarġinati minħabba ċirkustanzi soċjali, bħal faqar jew sfidi oħra. Sa fejn hu possibbli, dawn l-iżvantaġġi għandhom jiġu eliminati b'miżuri apposta.

Il-kura tas-**saħħa** hija monument tas-solidarjetà li l-PN iħaddan. Ir-rivoluzzjoni li seħħet fil-qasam tas-saħħa trid titkompla sabiex jiġi żgurat li, fl-aktar mumenti diffiċli, kulħadd ikun jista' jistrieħ fuq il-wens li tagħtih u l-aqwa kura medika, irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tiegħu. Dan, b'mod li jħalli spazju għar-rwol tal-volontarjat u tas-settur privat li jikkumplimentaw ir-rwol ewlieni tal-Istat.

Filwaqt li l-prijorità tibqa' fuq kif se jinħoloq il-ġid, il-PN jagħraf li l-ġid għandu jitqassam b'**ġustizzja soċjali**. Dan ifisser li l-Istat għandu jgħin lil min huwa l-aktar batut jew f'riskju ta' faqar sabiex jerfa' l-piż finanzjarju u jkun jista' jqum fuq saqajh u jgawdi livell ta' għajxien dinjituż.

Il-PN huwa impenjat sabiex fil-qafas tal-liġi Ewropea jara li l-**ħaddiema** jkollhom il-bilanċ meħtieġ bejn xogħol u ħin liberu u jgawdu minn kundizzjonijiet tajbin fuq il-post tax-xogħol tagħhom. Kundizzjonijiet ta' xogħol li joħolqu sfruttament għandhom jiġu indirizzati u riżolti bl-aktar mod determinat għaliex dawn inaqqsu d-dinjità tal-ħaddiem.

Irridu li **l-anzjani** jkunu parti integrali tas-soċjetà Maltija fejn huma jagħtu u jirċievu skont iċ-ċirkostanzi individwali tagħhom. Dan ifisser primarjament li s-sistema tal-pensjonijiet trid mhux biss tkun sostenibbli iżda tkun anki adegwata għall-ħajja tal-lum. Fl-istess ħin, għandhom jissaħħu l-inċentivi li jħajru lill-pensjonanti jibqgħu fid-dinja tax-xogħol mingħajr ma jiltilfu l-pensjoni. Wara l-irtirar, l-anzjani għandhom igawdu mill-aħjar servizz ta' kura, fl-ewwel lok f'darhom stess sabiex jibqgħu jgħixu fl-ambjent tagħhom. Fit-tieni lok, għandhom jitkattru s-servizzi ta' kura tal-anzjani fi djar residenzjali bi rwol attiv mhux biss tal-Istat iżda anki tas-soċjetà ċivili u tal-privat.

L-Istat m'għandux mezzi bla limitu. Anzi għandu mezzi limitati. Dan ifisser li għandha tkompli tissaħħaħ il-ġlieda kontra **l-abbuż** mis-sistema ta' sigurtà soċjali sabiex jiġi żgurat li jkun hemm biżżejjed mezzi għal min tabilħaqq għandu bżonn. Dan huwa serq u għandu jiġi trattat bħala tali. L-abbuż tas-sistema mhux biss inawwar il-finanzi pubbliċi iżda jisraq l-għajnuna mingħand min għandu l-aktar bżonnha.

**Il-libertà u l-ħarsien tad-drittijiet fundamentali** saru parti mhux biss tal-liġijiet tagħna iżda anki tal-kultura tagħna. Bl-istess mod għandhom jissaħħu wkoll il-libertajiet fundamentali u libertajiet ċivili f'oqsma oħra bħalma huma l-protezzjoni tal-privatezza tal-persuna, il-libertà tal-espressjoni u ċ-ċensura.

Il-koeżjoni soċjali mhix biss għall-Maltin. Bl-istess mod bħalma bosta Maltin jgħixu barra, hekk ukoll bosta barranin jgħixu Malta. F'pajjiż miftuħ għal ċittadini barranin, jeħtieġ li nkunu tolleranti ma' nies oħra li jagħżlu li jiġu jgħixu Malta. Dan jitlob minna aktar **tolleranza** ta' kulturi, tradizzjonijiet u reliġjonijiet oħra. Fl-istess ħin, iżda, min irid jgħix f'pajjiżna jrid jagħraf jirrispetta lil pajjiżna u jfittex li jintegra fis-soċjetà tagħna b'rispett sħiħ lejn it-tradizzjonijiet u l-liġijiet tagħna.

## 3. Ekonomija f'saħħitha u finanzi fis-sod

Biex niggarantixxu kwalità ta' ħajja tajba u paċi soċjali, l-ewwel u qabel kollox irid ikollna ekonomija stabbli u f'saħħitha li kapaċi toħloq ix-xogħol u toħloq il-ġid. Għaliex inutli nitkellmu fuq kif il-ġid se jitqassam jekk ma naħsbux fuq kif se jinħoloq fl-ewwel lok. Ħadd ma jmieri l-fatt li kull darba li Gvern Nazzjonalista ħa t-tmexxija tal-pajjiż wara perjodu ta' gvern tal-Partit Laburista sab ekonomija mkissra, iddominata mill-Istat u inkapaċi li toħloq ix-xogħol, aħseb u ara l-ġid. Kull darba kellu jibni ekonomija ġdida fuq il-mudell tas-suq soċjali li jfisser ekonomija miftuħa għall-kompetizzjoni iżda li fl-istess ħin tagħraf tintervjeni fejn hemm bżonn protezzjoni soċjali.

L-ekonomija li għandna llum hija waħda miftuħa għall-kompetizzjoni, diversifikata f'setturi ġodda li sa ftit ilu kienu inimmaġinabbli, kapaċi li toħloq ix-xogħol ta' livell u li tiġġenera l-ġid. Fl-2008 Malta ssieħbet fiż-Żona Ewro wara li laħqet kundizzjonijiet iebsa ferm marbuta mat-tmexxija finanzjarja u ekonomika tal-pajjiż. Kien mument providenzjali għaliex l-ewro tana kenn mill-agħar mewġ li feġġ mal-kriżi finanzjarja u ekonomika li bdiet proprju fl-2008. Iżda kif jaf kulħadd, it-tmexxija ekonomika hija sfida kontinwa. Il-PN iqis li, fiż-żminijiet tal-lum, l-ekonomija għandha tkompli titmexxa fuq din il-politika:

i. Enfasi ewlenija fuq **il-ħolqien ta' xogħol u xogħol aħjar** għax ix-xogħol jagħti l-akbar dinjità lill-bniedem. Fl-istess ħin, miżuri biex il-ħaddiema Maltin u Għawdxin jingħataw edukazzjoni u taħriġ matul il-ħajja b'tali mod li dejjem isibuha faċli li jidħlu fid-dinja tax-xogħol jew li jgħaddu minn tip ta' xogħol għal ieħor.

ii. **Finanzi fis-sod** permezz ta' kontroll sħiħ fuq in-nefqa tal-Gvern u fuq id-dħul tiegħu, b'enfasi partikolari fuq it-tnaqqis tad-dejn pubbliku. Dan ifisser li l-Gvern għandu jżomm baġit bilanċat jew f'*surplus* ħlief għal każi ta' sitwazzjonijiet eċċezzjonali. Biex dan isir, huwa meħtieġ Gvern responsabbli li kapaċi jieħu deċiżjonijiet iebsa iżda tajba. Li l-Gvern iżomm il-finanzi fis-sod għandha ssir rabta legali, anki Kostituzzjonali.

iii. Tisħiħ tal-attrazzjoni tagħna bħala pajjiż tajjeb għall-**investiment**, billi nsaħħu l-kompetittività tagħna u titnaqqas dejjem il-burokrazija żejda.

iv. Għandna nkomplu nagħmlu enfasi kbira fuq in-negozji żgħar u fuq inċentivi biex kull min iħoss sens ta' intrapriża jingħata kull ċans li jiżviluppa l-potenzjal imprenditorjali tiegħu, inkluż b'aċċess faċli għal finanzjament u inċentivi għall-kreattività u l-innovazzjoni.

v. Il-Gvern għandu joħloq l-ambjent biex jistimola l-ekonomija. Is-settur privat għandu jkun il-mutur ekonomiku prinċipali tal-pajjiż. F'każijiet fejn il-provvista jew servizz tkun materja ta' interess pubbliku, il-Gvern għandu jiżgura li jkun hemm regolaturi b'saħħithom. Bl-istess mod għandu jitkompla l-proċess ta' liberalizzazzjoni tas-setturi differenti, it-tnaqqis ta' sussidji fejn dawn mhumiex ġustifikati u miżuri oħra li bihom jiġi ġenerat aktar xogħol produttiv mal-privat milli mas-settur pubbliku.

vi. Miżuri biex l-investiment ġdid, kemm barrani kif ukoll lokali, isir **f'setturi ġodda**, dejjem aktar diversifikati, kreattivi u innovattivi, sabiex inkomplu bit-transizzjoni minn impjiegi bi ħlas baxx għal impjiegi ta' kwalità b'kundizzjonijiet u salarji għolja. Jiġifieri aħna ma nemmnux li l-paga għandu jimponiha jew iżidha l-Gvern, ħlief bħala parti minn struttura bħall-COLA fejn ikunu qablu l-imsieħba soċjali, iżda għandna noħolqu impjiegi aħjar li jħallsu aktar minħabba l-produttività tal-ħaddiema Maltin u Għawdxin.

vii. Miżuri biex inkomplu nissimplifikaw **is-sistema ta' taxxi**, b'mod li titnaqqas ukoll il-burokrazija u l-evażjoni filwaqt li s-sistema ssir aktar ġusta.

viii. Miżuri favur it-tisħiħ tal-ispirtu imprenditorjali fejn kull min iħoss li jista' jipparteċipa fl-ekonomija jkun inċentivat li jagħmel dan. B'mod partikolari, nagħfsu aktar fuq ekonomija li tippremja l-kreattività, l-innovazzjoni u l-inizjattiva filwaqt li tkompli tinċentiva lil min irid jimraħ fis-suq Ewropew u lil hinn minnu.

ix. Miżuri biex **il-konsumaturi** jieħdu dak li hu xieraq għall-flus li jħallsu, inkluża l-ġlieda kontra l-għoli tal-ħajja u kontra kompetizzjoni inġusta.

L-ekonomija ma tistax tikber jekk ma ninvestux fl-infrastruttura. Minkejja għoxrin sena ta' investiment kontinwu fl-infrastruttura kapitali ta' pajjiżna – ajruport, *power stations*, sistemi ta' komunikazzjoni, toroq, infrastruttura ambjentali – dejjem jonqos xi jsir. Il-PN jibqa' impenjat li jindirizza din l-isfida, anki bl-aħjar użu tal-fondi Ewropej, sakemm l-infrastruttura ta' pajjiżna tilħaq l-ogħla livelli, inkluż ta' aċċessibbiltà, kif jixraq.

L-internet u t-telefon ċellulari mhux biss biddlu l-mod ta' kif ngħixu fil-ħajja tagħna ta' kuljum iżda jagħtuna l-opportunità daqs qatt qabel li nimmassimizzaw il-flessibbiltà, li nintegraw mad-dinja u li nisfruttaw ir-riżorsi umani tagħna. Il-PN irid li l-ekonomija Maltija tisfrutta b'mod sħiħ l-opportunitajiet li ġabet magħha r-rivoluzzjoni diġitali u tiżgura li kulħadd jingħata l-possibbiltà li jipparteċipa u jisfruttahom.

L-ekonomija tagħna trid tikber ukoll billi ssaħħaħ dawk l-elementi li jagħmluna differenti minn ħaddieħor u forsi anki aħjar minn ħaddieħor. Dan jinkludi il-bżulija tagħna, il-kapaċità li nitkellmu l-Ingliż bħala waħda miż-żewġ lingwi uffiċjali tagħna, kif ukoll lingwi oħra, il-kreattività tagħna, il-flessibbiltà tagħna u anki l-ambjent tagħna, il-klima tagħna u l-wirt storiku tagħna. Dawn huma lkoll ingredjenti li jagħmlu lil pajjiżna differenti u attraenti. Għandna nkomplu nikkapitalizzaw minnhom.

Parti ewlenija mis-suċċess ekonomiku tagħna fl-aħħar snin kienet li għarafna niddiversifikaw l-ekonomija meta gżejjer tad-daqs tagħna normalment jistrieħu biss fuq turiżmu, sajd u agrikultura. Filwaqt li dawn huma setturi importanti għalina wkoll, aħna nistgħu nagħmlu aktar u għalhekk nemmnu li għandna niffukaw il-ħidma tagħna speċjalment fuq dawn l-oqsma: is-servizzi, inkluż is-servizzi finanzjarji; il-manifattura ta' valur miżjud għoli; it-teknoloġija tal-informatika; l-industrija tal-kreattività; l-edukazzjoni; is-saħħa u l-bijoteknoloġija; il-loġistika u d-distribuzzjoni bħala pont bejn l-Ewropa, l-Afrika, l-Asja u l-Amerika; kif ukoll l-infrastruttura u t-trasport.

## 4. L-edukazzjoni inklussiva ta’ poplu kreattiv

Il-PN huwa sinonimu mal-investiment fl-edukazzjoni. Mhux ta’ b’xejn għaliex Gvernijiet Nazzjonalisti, wieħed wara l-ieħor, wettqu rivoluzzjoni li qed tbiddel id-destin tal-poplu għaliex qed tiftaħ lil kulħadd opportunitajiet ġodda li qabel lanqas biss konna noħolmu bihom. Huwa għax ipoġġi l-bniedem fiċ-ċentru tal-politika tiegħu li l-PN qatt ma xxaħħaħ fuq il-bini ta’ skejjel ġodda, fuq l-Università, fuq l-MCAST, fuq l-ITS u fuq il-boroż ta’ studju. Terġa’, l-edukazzjoni u t-taħriġ qed isiru u jridu jkomplu jsiru proċess kontinwu tul il-ħajja. B’hekk il-ħaddiem ikun jista’ jżomm ir-riedni f’idejh u javvanza fil-karriera kif u skont kemm irid.

Minkejja l-investiment enormi u inkontestabbli li sar fl-edukazzjoni u t-taħriġ, meta mqabbla ma’ pajjiżi oħra Ewropej, aħna għad baqgħalna x’naqdfu. U l-PN huwa impenjat li jagħmel dan sakemm naslu, konxju mill-fatt li l-unika riżorsa tagħna hija r-riżorsa umana.

B’hekk aħna favur aktar investiment fl-edukazzjoni mill-*kindergarten* sal-PhD u mill-edukazzjoni akkademika għal dik vokazzjonali inkluż investiment f’dawk l-oqsma l-aktar importanti f’ekonomija moderna, fir-riċerka, fil-kreattività u fl-innovazzjoni. Aħna nibqgħu favur sistema edukattiva effiċjenti, inklużiva u mibnija fuq il-prinċipju li kull bniedem, irrispettivament mill-mezzi finanzjarji tal-familja tiegħu, ikun jista’ jiżviluppa t-talenti tiegħu bl-aħjar mod. Aħna nilqgħu wkoll is-sehem ta’ atturi oħra f’dan il-proċess, b’mod partikolari **tal-għalliema kollha kif ukoll l-iskejjel privati jew indipendenti, l-iskejjel tal-Knisja u tas-soċjetà ċivili.**

L-isport u l-ħin ħieles jibqgħu element importanti fl-iżvilupp sħiħ tal-bniedem. Għandna nkomplu nħajjru b’mod attiv lill-familji Maltin u Għawdxin, biex flimkien ma’ uliedhom, partikolarment it-tfal minn età żgħira, ikunu attivi fl-isport u jgawdu biżżejjed ħin għall-mistrieħ. Dan għandu jsir billi inkomplu ninvestu f’faċilitajiet aħjar u ninċentivaw lill-assoċjazzjonijiet sportivi.

# 5. L-ambjent, l-ilma u l-enerġija

L-ambjent sar parti integrali mill-politika tagħna mhux biss mil-lat tal-ambjent naturali tagħna iżda anki mil-lat ta' saħħa pubblika u anki mil-lat ta' sostenibbiltà ekonomika. Huwa faċli li wieħed ikun favur l-ambjent. Iżda f'pajjiż żgħir b'densità ta' popolazzjoni għolja, huwa aktar meħtieġ li jinżammu livelli ambjentali xierqa. Apparti li hemm sfida kulturali u ta' mentalità, id-diffikultà hija wkoll prattika – min se jħallas għall-investiment sostanzjali meħtieġ biex l-ambjent jiġi protett u kif se nibnu ekonomija li ddawwar l-isfida ambjentali f'opportunità ekonomika? Hija proprju din l-isfida li daħal għaliha l-PN fil-Gvern. Ir-riżultat huwa li llum għandna l-ogħla investiment li qatt kellna f'infrastruttura ambjentali bħall-impjanti li jittrattaw id-drenaġġ u l-iskart solidu, anki grazzi għall-fondi Ewropej.

Il-prijoritajiet ambjentali tagħna għaldaqstant jibqgħu:

i. Inċentivi għall-familji u l-privat biex itejbu l-ambjent tagħhom huma stess;
ii. Aktar proġetti ambjentali inkluż dawk b'finanzi tal-Unjoni Ewropea;
iii. Ħarsien tan-natura u l-bijodiversità tagħna u tal-annimali;
iv. Inkompli nsostnu l-bdiewa, ir-raħħala u s-sajjieda li huma l-gwardjani tal-ambjent tagħna u għalhekk kull għajnuna li tingħata lilhom, inkluż għajnuna biex itejjbu l-prattiċi tagħhom, huwa investiment dirett fl-ambjent ta' pajjiżna.
v. Użu tar-riżorsi, inkluż tal-art limitata, b'mod sostenibbli;
vi. Negħlbu l-isfida kbira tal-immaniġġjar tal-iskart;
vii. Trasport effiċjenti, li jirrispetta l-ambjent;
viii. Tisħiħ tal-amministrazzjoni pubblika fil-qasam ambjentali sabiex ikun hemm infurzar aħjar;
ix. Sehem fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima;
x. Tisbiħ tal-ambjent lokali kif ukoll rurali u l-ħolqien ta' aktar spazji pubbliċi;
xi. Ħarsien u użu sostenibbli tal-ilma.

Filwaqt li l-PN poġġa l-ambjent fl-ogħla livelli tal-aġenda politika tiegħu, jifhem li l-ambjent jibqa' sfida nazzjonali li ma jistax jindirizzaha l-Gvern waħdu. Għaldaqstant, il-PN irid ikompli jseddaq kultura favur l-ambjent li tinvolvi l-parteċipazzjoni sħiħa tas-soċjetà ċivili, tal-privat, tal-familji u tal-individwi. Kulħadd għandu sehem x'jagħti u kulħadd għandu r-responsabbiltà li jagħti sehmu.

## L-ilma

F'pajjiż li jinħtieġlu jipproduċi ħafna mill-**ilma** li jixrob mill-ilma baħar, il-valur tal-ilma ma tistax ma tifhmux. L-ilma tal-pjan qiegħed dejjem jonqos u dak li s'issa kien riżorsa b'xejn jew irħisa, qiegħed dejjem aktar isir limitat u prezzjuż. Il-PN huwa impenjat favur politika li tirresponsabbilizza lil kulħadd fl-użu meqjus tal-ilma u fil-ħarsien ta' din ir-riżorsa prezzjuża u limitata.

## L-enerġija

Bil-qabżiet kbar li għamel il-prezz taż-żejt fl-aħħar snin, l-aċċess għall-**enerġija effiċjenti, nadifa u bi prezz aċċessibbli għal kulħadd** saret sfida għal kull Gvern, aħseb u ara f'pajjiżna fejn niddependu għal kollox fuq iż-żejt importat biex nipproduċu kemm l-elettriku kif ukoll parti kbira tal-ilma tagħna.

Għal kull politiku responsabbli, iż-żieda fil-prezz taż-żejt ma ħallietx għażla ħlief li jiżdiedu t-tariffi tad-dawl u l-ilma. Dan ma sarx bl-addoċċ iżda b'sens ta' responsabbiltà u anki b'solidarjetà mal-eluf ta' familji li baqgħu jiġu sussidjati. Fl-istess ħin, il-PN ħares lejn miżuri oħra, bħall-inċentivi sabiex il-familji u l-privat jinvestu f'sorsi alternattivi tal-enerġija u jnaqqsu huma stess il-kont tad-dawl; investiment qawwi f'estensjoni tal-*power station* ta' Delimara u l-għeluq, darba għal dejjem, tal-*power station* tal-Marsa; investiment f'*cable* li se jgħaqqadna mal-*grid* tal-elettriku Ewropew għall-ewwel darba u li se jagħtina l-opportunità nixtru l-enerġija mis-suq Ewropew bi prezzijiet aktar kompetittivi kif ukoll investiment f'sorsi alternattivi tal-enerġija, b'mod partikolari dik ġejja mix-xemx, mir-riħ u mill-baħar.

Minkejja li bdejna minn sitwazzjoni fejn id-dawl u l-ilma kienu jinqatgħu regolarment, il-PN irid jagħmel aktar. Il-mira tal-PN tibqa' li jagħti lil kulħadd aċċess għall-enerġija li għandu bżonn, b'mod effiċjenti, kemm jista' jkun nadifa u bi prezz raġonevoli. Dan iżda, jeħtieġ minn kulħadd, kemm sens ta' solidarjetà kif ukoll sens ta' responsabbiltà.

## 6. Il-kultura u l-identità tagħna

Malta hi pajjiż Ewropew bi storja antika ħafna, f'punt nofsani bejn żewġ kontinenti, f'reġjun tad-dinja li kien in-nieqa taċ-ċiviltà. Il-poplu Malti huwa poplu uniku mnissel minn sekli twal ta' **kultura Mediterranja u Ewropea**. L-identità tagħna bħala nazzjon ġiet issiġillata permezz tal-kisba tal-Indipendenza iżda msaħħa bis-sħubija tagħna fl-Ewropa li tatna l-opportunità nasserixxu l-identità tagħna fil-konfront ta' popli oħra, kbar u żgħar, f'dinja globalizzata.

Il-kultura tagħna hija mibnija fuq fatturi li huma **partikolari għal pajjiżna** għax ma ssibhom imkien ieħor flimkien - bħalma huma l-istorja u l-wirt storiku tagħna, il-wirt arkeoloġiku, il-wirt artistiku u arkitettoniku u s-sbuħija naturali tal-pajjiż u l-ħajja, l-ikel, l-arti u l-kreattività tal-kultura tagħna. Fuq kollox hemm l-ilsien Malti, l-ilsien nazzjonali tagħna. Dawn huma sewwasew affarijiet li jagħżlu poplu minn ieħor, li jagħmluna differenti, li jagħmluna nazzjon.

Il-PN huwa kburi b'pajjiżna għaliex jemmen f'pajjiżna. U għaldaqstant jemmen ukoll fit-**tisħiħ tal-identità u l-kultura tiegħu**. B'hekk l-identità tagħna mhix biss fattur li tagħmilna nazzjon iżda hija wkoll fattur li nistgħu nużaw favur tagħna, kemm fuq livell ekonomiku (eżempju, fit-turiżmu) kif ukoll fuq livell politiku (eżempju, fil-parteċipazzjoni tagħna fl-Unjoni Ewropea).

Iżda l-kultura ma tfissirx biss tagħlim ta' storja jew inkella għeluq jew konservatiżmu. Anzi tfisser il-kontra. Tfisser li l-persuna għandha taħtaf l-opportunità għal tagħlim aktar miftuħ; għal ilsna oħra u mhux il-Malti biss, għall-qari, għall-arti, għal kulturi oħra u għall-ivvjaġġar. Aktar ma wieħed jinfetaħ għall-affarijiet u **kulturi differenti**, aktar jeduka ruħu u jifhem x'inhi l-kultura tiegħu.

Fost il-ġojjelli ewlenin tal-kultura u l-identità Maltija hemm il-belt kapitali tagħna: **il-Belt Valletta** li hija kandidat biex fl-2018 tkun il-Belt Kulturali Ewropea. Il-PN huwa impenjat li jkompli jpoġġi l-Belt Valletta fuq il-mappa Ewropea u jagħti lura lill-Belt id-dinjità sħiħa tagħha bħala belt kapitali ta' poplu kburi, belt storika iżda anki belt li għarfet timxi maż-żminijiet.

**Il-Kunsill Lokali** huwa mezz ieħor ta' kif nistgħu nsaħħu mhux biss id-demokrazija, is-sussidjarjetà u l-parteċipazzjoni iżda anki l-identità tal-lokalitajiet tagħna bil-karatteristiċi speċifiċi li jiddinstingwuhom.

**L-identità tagħna** hija wkoll imsaħħa bil-parteċipazzjoni tan-nies, speċjalment tas-soċjetà ċivili, fil-ħajja pubblika, politika, ekonomika u soċjali. Ir-rwol tas-soċjetà ċivili, tal-għaqdiet, tal-assoċjazzjonijiet, tat-*trade unions* u tal-volontarjat jagħmilna pajjiż aktar rikk u għaldaqstant il-PN irid imexxi id f'id mas-soċjetà ċivili.

# 7. Ġustizzja u Sigurtà

Biex il-libertà tal-persuna tiġi mħarsa, hemm bżonn is-sigurtà u l-ġustizzja. Dan ifisser li pajjiżna jrid ikompli jsaħħaħ l-istituzzjonijiet u l-organi tiegħu li jservu ta' protezzjoni, jagħtu l-garanziji neċessarji li l-poplu jixraqlu. L-impenn jibqa' lejn tisħiħ, avvanz u attrezzar aqwa tas-sistema legali u ġudizzjarja tagħna fil-Qrati, fl-użu tal-Arbitraġġ u l-Medjazzjoni.

Bl-istess mod għandna nħarsu **d-drittijiet kemm tal-vittmi kif ukoll tal-akkużati.** Vittma ta' reat kriminali għandu jingħatalu servizz ikbar u rispett kemm fl-istadju ta' investigazzjoni, tul l-proċess kif ukoll wara. Fl-istess ħin, persuna akkużata b'reat kriminali għandha tiġi proċessata b'ħarsien sħiħ tal-presunzjoni tal-innoċenza tagħha fejn dan il-ħarsien għandu jieqaf biss jekk l-akkużat jiġi ddikjarat ħati, inkluż b'aċċess għal avukat fil-mument tal-arrest. Jekk akkużat ikun misjub ħati, għandu jkun hemm piena xierqa u proporzjonata. Is-sistema karċerarja għandha tfittex li ġġib ir-riforma u l-integrazzjoni mill-ġdid fis-soċjetà ta' min ikun ġie kkundannat għall-ħabs u mhux tkun waħda limtata biss fuq ir-retribuzzjoni.

**Is-sistema ġudizzjarja** trid tibqa' tiġi ssudata fl-indipendenzi tagħha f'soċjetà demokratika li tippretendi iktar akkontabilità. L-effiċjenza għandha tikber b'mekkaniżmi u proċeduri li jiggarantixxu ġustizzja aħjar u eħfef. Ir-rispett lejn l-indipendenza u l-istituzzjoni tal-ġudikatura għandu jikber b'regoli li jassiguraw serjetà, dixxiplina u komportament xieraq tal-kariga kostituzzjonali.

Iċ-ċittadini kollha għandhom id-dritt li jistennew l-assistenza, attenzjoni u il-protezzjoni  xierqa tal-forzi tal-ordni kull fejn u kull meta jkun meħtieġ. Dan ifisser ukoll titjib fil-kontinwazzjoni tal-proċess li bih l-forzi tal-ordni jingħataw preparazzjoni, formazzjoni dejjem aktar aġġornati kif ukoll f'dawk li huma l-għodda neċessarji u adegwati għat-twettiq ta' dan ix-xogħol tant essenzjali.

## Il-fenomenu tal-immigrazzjoni

Il-wasla ta' immigranti mmarkat il-bidu tas-seklu l-ġdid. Fil-parti l-kbira tagħhom, dawn huma nies li waslu Malta wara li ġew salvati mill-għarqa mill-Iskwadra Marittima tagħna stess fl-ibħra internazzjonali li jaqgħu taħt il-koordinazzjoni internazzjonali tagħna. Dan il-fenomenu ħoloq sfida kbira għal pajjiżna mhux biss minħabba l-kapaċità limitata tagħna li nilqgħu numru kbir ta' nies iżda anke minħabba l-kapaċità tagħna, bħala soċjetà, li naffrontaw dan il-fenomenu b'sens ta' solidarjetà u mingħajr biża' jew mibegħda lejn il-barrani.

Il-PN ħaddem **politika solidali** ma' min minnhom jeħtieġ kenn skont il-liġi internazzjonali u fl-istess ħin iebsa ma' dawk li m'għandhomx raġuni għalfejn jibqgħu hawn. Dan ifisser li la hemm u lanqas qatt ma għandu jkun hemm ebda kompromess dwar il-ħarsien tal-ħajja umana, speċjalment jekk dgħajsa mimlija nies f'nofs ta' baħar tkun f'diffikultà. Iżda jfisser ukoll li għandu jsir kollox biex min ma ħaqqux protezzjoni jintbagħat lura. Bl-istess mod, tfisser li kull meta hemm bżonn, pajjiżna jieħu pożizzjoni iebsa ma' pajjiżi oħra li ma jkunux qed jimxu skont ir-regoli internazzjonali. Din il-politika bilanċjata ta' spiss ġiet kritikata inġustament u kien hemm min għamel kapital politiku minnha minkejja li jilgħabha tal-moderat.

Fit-twettiq ta' din il-politika, Gvern Nazzjonalista fittex ukoll is-**solidarjetà internazzjonali** iżda sab nuqqas ta' kooperazzjoni sia mill-pajjiżi Afrikani mnejn oriġinaw u sia mill-Ewropa li hija stess, ma kinitx imħejjija għal dan il-fenomenu. Fuq l-insistenza tar-rappreżentanti tagħna fl-istituzzjonijiet Ewropej, l-Unjoni Ewropea bdiet tibni, mix-xejn, politika dwar l-immigrazzjoni u l-ażil, imsejsa fuq il-prinċipju tas-solidarjetà. Din il-politika waslet biex Malta tingħata għajnuna finanzjarja sostanzjali biex ittejjeb il-faċilitajiet tagħha, inkluż il-faċilitajiet tal-armata biex tħares il-fruntieri marittimi. Inbeda wkoll proċess ta' rilokazzoni ta' immigranti minn Malta lejn pajjiżi oħra. Ir-riżultati miksuba għadhom mhumiex dawk mixtieqa u l-PN huwa impenjat li jkompli jagħti sehem attiv fit-tfassil ta' din il-politika Ewropea sakemm issir waħda tassew effettiva u solidali. Il-PN konvint li, bis-saħħa tar-raġuni, din l-isfida tingħeleb ukoll.

## 8. Għawdex

Għawdex mhux sempliċiment estensjoni ta' Malta. Għawdex għandu l-karatteristiċi partikolari tiegħu li jagħmluh differenti minn Malta. Kien għalhekk li l-PN dejjem kellu politika speċjali għal Għawdex li tibni fuq il-kwalitajiet partikolari tiegħu u tindirizza l-ħtiġijiet speċjali tiegħu ġejjin mill-iżvantaġġi naturali u permanenti tiegħu.

Id-diversità ta' Għawdex dejjem ġiet rispettata u msaħħa mill-PN proprju għaliex iqis li din id-diversità tista' tkun għodda li tintuża favur l-istess gżira. Għaldaqstant il-PN waqqaf ministeru direttament responsabbli minn Għawdex u għadda setgħat sabiex bosta deċiżjonijiet u t-twettiq tagħhom jittieħdu f'Għawdex mill-Għawdxin. Il-PN huwa miftuħ biex, b'konsistenza mal-importanza li dejjem ta lil Għawdex u mal-fiduċja li dejjem kellu fl-Għawdxin infushom bħala awturi ewlenin tal-iżvilupp ta' darhom, isaħħaħ din ir-reġjonalità anki permezz ta' strutturi reġjonali distinti għal Għawdex.

Il-PN impenjat ukoll li jsaħħaħ l-infrastruttura ta' Għawdex, inkluż bl-użu ta' fondi Ewropej, sabiex itejjeb il-kwalità ta' ħajja tal-Għawdxin, speċjalment fil-qasam tat-trasport u komunikazzjoni bejn iż-żewġ gżejjer.

Il-PN iqis li d-distinzjoni ta' Għawdex tkun akbar jekk isir aċċenn partikolari fuq is-sbuħija naturali tal-gżira u fuq l-ambjent tagħha. Huwa għalhekk li qed jiġi implimentat il-proġett ta' Eko-Għawdex li jagħmel mill-gżira Għawdxija mudell ta' ambjent sostenibbli fil-Mediterran.

Il-PN jagħraf l-importanza tal-ħolqien ta' xogħol partikolarment għall-ġenerazzjoni żagħżugħa ta' Għawdex sabiex, wara li tikseb l-avvanz edukattiv kollu li tkun kapaċi tikseb, issib l-opportunitajiet li jixirqulha proprju fil-gżira ta' twelidha. Dan l-għarfien iwassal għal impenn kontinwu favur it-tkabbir tal-ekonomija partikolari Għawdxija.

# 9. Is-sehem ta' Malta fl-Unjoni Ewropea u fid-dinja

Illum kulħadd aċċetta li sħubija fl-Unjoni Ewropea kienet għażla tajba; anki minn min ried iżommna barra akkost ta' kollox. Il-benefiċċji ta' sħubija huma viżibbli għal kulħadd mhux biss f'termini ta' fondi Ewropej jew infrastruttura bħal toroq ġodda jew proġetti ambjentali. L-ekonomija nfetħet u saret aktar attraenti għall-investiment u dan ħoloq aktar xogħol u xogħol aħjar. Iċ-ċittadinanza Ewropea tat tifsira akbar lill-passaport Malti. Iżda baqa' xi jsir.

Għad irridu nilħqu l-milja tagħna bħala membri tal-Unjoni Ewropea billi ngħaddu mill-fażi ta' aġġustament fejn konna għadna qed nidraw din ir-realtà ġdida għall-fażi ta' ingranaġġ fejn inkunu żvelti biżżejjed biex naħtfu kull opportunità. Dan kemm fuq livell ta' individwi, kemm fuq livell ta' negozji kif ukoll fuq livell ta' amministrazzjoni. Dan nagħmluh anki permezz tal-użu għaqli tal-fondi sostanzjali li Malta tgawdi mill-Unjoni.

Malta diġà qed tagħmel differenza f'numru ta' oqsma ta' politika Ewropea, bħall-immigrazzjoni, it-turiżmu, il-politika marittima u l-politika Mediterranja. Issa jeħtieġ li nimirħu lil hinn f'oqsma oħra b'dinjità, b'fiduċja u b'determinazzjoni. Dan għandu jibqa' jsir bis-saħħa tar-raġuni u mhux bit-theddid. Kull min idur għall-metodi tat-theddid jibqa' b'idu f'idu u jispiċċa iżolat.

Ir-rappreżentanza Maltija fl-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea hija qawwija, speċjalment meta wieħed iqis id-daqs ta' pajjiżna. Jeħtieġ li din ir-rappreżentanza tkun koordinata aħjar sabiex tkun f'pożizzjoni aħjar li tisfrutta l-potenzjal ta' sħubija. Hekk kif in-numru ta' Maltin li jaħdmu fl-istituzzjonijiet Ewropej qiegħed joktor, wasal il-mument li l-esperjenza tagħhom tiġi sfruttata aħjar favur pajjiżna.

Bejn Jannar u Ġunju tal-2017, Malta se jkollha l-Presidenza tal-Unjoni Ewropea. Din se tkun okkażjoni bla preċedent li tpoġġi lil pajjiżna fiċ-ċentru tal-attenzjoni tal-Ewropa kollha u tad-dinja. Il-PN huwa impenjat li jagħmel suċċess minn dan il-perjodu storiku u jara li pajjiżna joħroġ bl-unuri b'kontribut serju u kompetenti li jagħmel differenza.

Id-dibattitu dwar il-futur tal-Ewropa reġa' beda jintensifika, b'mod partikolari fid-dawl tal-kriżi finanzjarja u ekonomika li ħarġu nuqqasijiet fil-mod ta' kif ġie mħaddem il-Patt dwar l-Istabbiltà u t-Tkabbir. Il-PN kien u jibqa' partit li jemmen fl-integrazzjoni Ewropea. Għaldaqstant il-PN irid jagħti sehem sħiħ f'dan id-dibattitu u jrid jara lil pajjiżna fuq ġewwa nett tal-proċess ta' għaqda Ewropea, inkluż taż-Żona Ewro u taż-Żona Schengen.

Il-PN huwa fl-aħjar pożizzjoni li jisfrutta bl-aħjar mod is-sħubija Ewropea. Min ħadem kontra s-sħubija tagħna fl-Ewropa diffiċilment jista' jħaddem il-vantaġġi ta' sħubija għax mhux konvint minnhom. Wisq anqas jista' jipperswadi lil ħaddieħor.

Il-politika barranija tagħna hija primarjament mezz ta' kif aħna nkunu parti integrali mid-dinja. Għaliex Malta hija parti mid-dinja u mhux eċċezzjoni għad-dinja. **Ir-rivoluzzjoni diġitali** tagħtina l-opportunità nagħmlu dan billi negħlbu kemm iċ-ċokon tagħna kif ukoll id-distanzi li jifirduna minn ħaddieħor. B'hekk Malta għandha ssir mudell ta' suċċess fil-kapaċità tagħha li tisfrutta din ir-rivoluzzjoni u turi li hija kapaċi tisboq iċ-ċokon tagħha b'sehem kreattiv f'dinja li saret raħal wieħed.

Bħala membru tal-Unjoni Ewropea, Malta trid tagħti sehemha fit-**tfassil tal-politika barranija** speċjalment fil-konfront tal-pajjiżi li huma ġirien tagħna.

**Ir-Rebbiegħa Għarbija** ġabet magħha rivoluzzjoni straordinarja li kapaċi twassal għat-tixrid tad-demokrazija u tal-valuri demokratiċi fid-dinja Għarbija. Malta diġà tat sehem attiv, speċjalment fil-każ tal-Libja, iżda issa għandna sehem x'nagħtu wkoll fit-tisħiħ ta' dan il-proċess u fil-bini ta' demokrazija stabbli f'dan ir-reġjun. Malta

għandha ssaħħaħ u tħaddem ir-rabtiet tagħha ma' dawk il-pajjiżi ġirien tagħna li magħhom minn dejjem kellha rabtiet mill-qrib. Anki hawn il-PN jinsab fl-aqwa pożizzjoni li jisfrutta dan il-kapitlu ġdid għaliex fis-siegħa tal-prova ħareġ għonqu u żamm mal-popli ta' dawn il-pajjiżi u ma qagħadx lura bħal ħaddieħor. Din l-isfida tista' tissarraf f'opportunitajiet ġodda u kbar li minnhom jista' jgawdi l-poplu Malti kemm fuq livell politiku kif ukoll ekonomiku.

**Fil-fora internazzjonali** l-PN huwa impenjat li jkompli jagħti kontribut kostruttiv li jkompli jkattar ir-rispett lejn pajjiżna. Aħna nagħrfu li fit-taqlib soċjali, ekonomiku u politiku ta' wara l-aħħar Gwerra Dinjija, id-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948 kienet pass ewlieni lejn il-ħarsien tal-libertà, tal-ġustizzja u l-paċi. Illum nagħrfu daqstant ieħor il-bżonn ta' **dikjarazzjoni tad-dmirijiet tagħna** lejn xulxin kif ukoll lejn il-ġenerazzjonijiet ta' warajna biex inħarsu d-dinjità tal-bniedem u nissalvagwardjaw l-ambjent. Għalina dan huwa żvilupp naturali tad-duttrina tal-wirt naturali tal-umanità li Malta pproponiet lin-Nazzjonijiet Uniti fl-1967 u li wasslet għall-Konvenzjoni tal-Liġi tal-Baħar. Għalhekk fl-2009 Malta stqarret li tqis id-dmirijiet umani bħala element intrinsiku u inaljenabbli tal-bniedem u pproponiet dikjarazzjoni dwar dawn id-dmirijiet f'rabta mad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem tal-1948. Din l-idea qabdet u l-abbozzar ta' din id-Dikjarazzjoni miexi 'l quddiem.

## 10. Lil Malta żagħżugħa

Dan id-dokument huwa sett ta' ħsibijiet u azzjoni politika minn partit li dejjem poġġa **ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin** fiċ-ċentru tal-ħidma tiegħu. Il-politika tal-PN tagħti viżjoni għaż-żgħażagħ għal għada iżda tagħti wkoll kwalità ta' ħajja għolja għaż-żgħażagħ illum – għaliex il-ħajja ngħixuha llum qabel ma ngħixuha għada. B'hekk mal-PN taf fejn qiegħed illum iżda taf ukoll fejn se jwasslek għada.

Il-PN minn dejjem kien il-partit taż-żgħażagħ għaliex minn dejjem ħaddan ideat żagħżugħa. Ħaddan ukoll **il-bidla** u għamilha realtà tant li bi Gvern Nazzjonalista, wieħed wara l-ieħor, pajjiżna ma waqafx jitbiddel. U għadu jitbiddel. Il-PN ħaddan ukoll l-enerġija, l-entużjażmu, il-kreattività u l-idealiżmu li tant huma għal qalb iż-żgħażagħ. Ħaddan ukoll l-ottimiżmu u l-fiduċja flok il-pessimiżmu u qtigħ il-qalb.

**L-akbar żviluppi** politiċi, ekonomiċi u soċjali fil-pajjiż – mill-Indipendenza sas-sħubija fl-Unjoni Ewropea u mill-ħolqien tax-xogħol għall-investimenti fl-edukazzjoni – saru minn Gvernijiet Nazzjonalisti. Dawn kienu investimenti kuraġġużi u viżjonarji li ħolqu opportunitajiet kbar liż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin u soċjetà bbażata fuq l-għerf. Kien għalhekk li l-PN dejjem baqa' ta' ispirazzjoni għall-ġenerazzjoni żagħżugħa.

Id-dinja tal-lum hija villaġġ wieħed fejn ilkoll magħquda permezz tat-teknoloġija u l-ispazju virtwali tas-*social networking*. Il-PN jagħraf **il-potenzjal bla limiti fir-rivoluzzjoni diġitali u teknoloġika** u huwa impenjat li Malta u ż-żgħażagħ Maltin u Għawdxin ikunu minn tal-ewwel biex jisfruttaw dawn l-opportunitajiet eċċitanti. Mhux biss, iżda l-PN irid iwettaq politika li tisfrutta bl-aħjar mod l-ispazju ġdid li fih illum nistgħu nimirħu, jiġifieri, kemm l-ispazju diġitali, kif ukoll l-ispazju Ewropew, iżda anki l-ispazji li jagħtuna l-kuntatti tagħna ma' Maltin li jgħixu barra. B'hekk, ċittadin Malti jkun tabilħaqq ċittadin tad-dinja.

Il-PN mhux se jieqaf hawn u qatt mhu sodisfatt. **Dejjem irid jagħmel aktar. Dejjem irid jagħmel aħjar.** Il-pass li jmiss huwa li naraw li pajjiżna jaħtaf l-opportunitajiet kbar u eċċitanti li nfetħu quddiemu filwaqt li fl-istess ħin jegħleb l-ostakli li jfeġġu, wieħed wara l-ieħor. Dejjem inħarsu 'l quddiem mingħajr ma ninsew l-għeruq tagħna.

Jekk int żagħżugħ jew żagħżugħa, sew fl-ispirtu sew f'età, u tagħraf lilek innifsek fil-ħsibijiet politiċi espressi f'dan id-dokument, il-bieb tagħna huwa miftuħ għalik. **Nistednuk tgħinna int ukoll biex, flimkien, inkomplu nbiddlu l-pajjiż għall-aħjar.**